MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2013

Avviz Numru. 391/2012

**Charles Pace u Mosta Auto Dealer Co. Limited (C-3923)**

**vs**

**John Tonna u Rita Tonna**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tar-rikorrenti John Tonna u Rita Tonna li gie ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2012 fejn ippremettew:

"*Illi ssir referenza ghall-ittra ufficcjali bin-numru 2770/2012 li giet prezentata minn Charles Pace (ID 398852M) u s-socjeta' Mosta Auto Dealer Co. Limited sabiex ai termini tal-Artikolu 253(e) u l-Artikolu 256(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, serje ta' wiehed u tletin kambjala annessi mal-imsemmija ittra ufficcjali jigu rezi ezegwibbli skond il-ligi.*

*Illi dan ir-rikors qed isir ai termini tal-proviso ta' paragrafu (e) ta' l-Artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta entro t-terminu previst mil-Ligi:*

*Illi permezz ta' dan ir-rikors l-esponenti qeghdin jopponu l-ezekuzzjoni tal-kambjali kollha mertu tal-ittra ufficjali de quo u dan stante illi hdax-il kambjala mis-serje ta' kambjali mertu ta' l-ittra ufficjali de quo;*

*Illi mid-dokument esebit ma' dan ir-rikors jidher bic-car liema huma dawk il-kambjali mhallsa li gew inkluzi fl-ittra ufficjali de quo u cioe' l-kambjali li skadew l-10 ta' Settembru, 2009 sa l-10 ta' Lulju, 2010.*

*Illi in oltre jinghad ukoll li l-ebda wahda minn dawn il-kambjali m'hija pagabbli lir-rikorrenti Charles Pace bhala traent izda huma pagabbli unikament lis-socjeta' Mosta Auto dealers Limited (u mhux lis-socjeta' Mosta Auto Dealers Co. Limited kif inhi intestata l-ittra ufficjali de quo).*

*Illi din l-oppozizzjoni qed issir b'riserva ghal kull kontestazzjoni ohra li tista' issir mill-esponenti fi stadju ulterjuri tal-proceduri*."

Ir-rikorrenti talbu fid-dawl tal-fatti hawn esposti li din l-Onorabbli Qorti tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjali diga' imhalsa mertu tal-ittra ufficcjali de quo u dan minhabba ragunijiet gravi u validi sufficjenti ghall-oppozizzjoni tal-imsemmija kambjala.

Rat ir-risposta tal-intimati prezentata fl-atti nhar it-30 ta' Novembru 2012 fejn eccepew s-segwenti:

*1.* "*Illi primarjament l-esponenti Charles Pace huwa l-azzjonista principali tal-kumpanija Mosta Auto Dealers Limited (C 3923) kif ukoll l-uniku Direttur ta' l-istess kumpanija u ghalhekk huwa fl-interess ta' Charles Pace li jaghmel kwalunkwe azzjoni fl-ahjar interess tal-kumpanija.*

*2. Illi l-intimati iffirmaw numru ta' kambjali annessi mal-ittra ufficcjali fin-numru u fl-ismijiet premessi liema*

*kambjali ma gewx onorati u ghaldaqstant l-ammont huwa dovut.*

*3. Illi ai termini ta' l-***Artikolu 123 tal-Kodici tal-Kummerc** *(Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta) kull "kambjala ghandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tigi migbuda s-somma li ghandha tithallas, l-isem ta' dak li ghandu jhallas u l-isem ta' dak li lilu jew ghall-ordni tieghu ghandu jsir il-hlas, iz-zmien u l-lok tal-hlas u l-valur moghti fi flus, f'merkanzija, f'kont jew f'kull mod iehor u ghandha tkun iffirmata minn min jigbidha',*

*4. Illi wahda mir-rekwiziti importanti li kull kambjala jrid ikollha hi l-isem ta' dak li lilu jew ghall-ordni tieghu ghandu jsir il-hlas.*

*5. Illi bl-ebda mod ma qieghed jigi kontestat mill-konjugi Tonna illi l-firem fuq il-kambjali m'humiex taghhom.*

*6. Illi in oltre l-***Artikolu 152 (l ) tal-Kodici tal-Kummerc** *(Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi li 'l-accettazzjoni ta' kambjala, l-accettant jiehu fuqu l-obbligi li jhallas l-ammont taghha, u ma jistax jigi mehlus minn dan l-obbligu ghalkemm it-traent, jew dak li akkont tieghu l-kambjala giet accettata ikun, minghajr hu ma kien jaf, falla qabel l-accettazzzjoni tal-kambjala'.*

*7. Illi l-firem li jidhru fuq id-dokument mehmuz mar-rikors tal-konjugi Tonna fejn huma qeghdin jallegaw li saru pagamenti mhumiex il-firem tal-esponenti u ghaldaqstant huwa la personalment u lanqas ghan-nom tal-kumpanija esponenti qatt ma ircieva ebda pagamenti minghand il-konjugi Tonna.*

*8. Illi in vista ta' dan, l-ammonti indikati fil-kambjali huma dovuti.*

*9. Illi infatti gie wkoll ikkonstatat illi l-firma hija ta' terza persuna li l-konjugi Tonna kienu qieghdin ihalsu li dina l-persuna ma hiex impjegata, azzjonista jew b'xi mod*

*tahdem mal-esponenti jew mal-kumpanija Mosta Auto Dealers Limited.*

*10. Illi kwalunkwe ftehim li ghamlu l-konjugi Tonna ma terzi rigward il-hlas ta' dawna l-kambjali ma jistax jigi onorat stante li l-esponenti ma humiex parti minn dana l-ftehim u irrelevanti specjalment meta kambjala hija awtonoma u barra minn hekk l-obligazzjoni principali rigward bejgh ta' vettura u l-iffirmar tal-kambjali kienu saru wkoll favur l-esponenti.*

*Ghaldaqstant fl-isfond tas-suespost u hekk kif jigi pruvat fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti li l-kambjali annessi mal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi huma ezekuttivi u ghaldaqstant inforzabbli skond il-ligi."*

Semghet lir-**Reuben Azzopardi** jixhed fid-9 ta' Jannar 2013 u jghid li fuq iz-zewg pagni tad-dokument esebit a fol 3 et seq hemm il-firma tieghu u li f'dawk id-dati hemm indikati kkonferma li kien ircieva l-flus minghand bin John Tonna sabiex jhaddihom lil Charles Pace. Qal li huwa ircieva l-flus biss fejn hemm il-firma tieghu. Mistoqsi jekk kienx jahdem ma' Charles Pace wiegeb li le ghalkemm kellu xi negozju mieghu. Huwa sostna li Charles Pace kien jaf li kien qed jircievi l-flus minghand Tonna sabiex Azzopardi jnaqsu mill-kreditu li huwa kellu ma' Pace. Ix-xhud ikkonferma li effettivament kien ircieva ghoxrin pagament ta' LM 74.70 il-wiehed u jghid li kien ta lil Charles Pace disgha minn dawn il-pagamenti ta' LM 74.70 il-wiehed. Huwa qal ukoll li kien ftiehem ma' Charles Pace li kellu jhallas l-ammont kollu li rcieva lura lilu ghalkemm meta xehed stqarr li kien ghadu ma hallsux lura.

Rat in-nota ta' riduzzjoni tal-intimati prezentata fl-atti nhar il-11 ta' Jannar 2013 li permezz taghha irriduca t-talba tal-ezekuzzjoni tal-kambjali fis-sens li talbu l-ezekuzzjoni tal-kambjali minn numru wiehed u ghoxrin 'il quddiem u cioe' sabiex ikun hemm ezekuzzjoni fuq ghoxrin kambjala mmarkati bhala Dok A sa Dok H bil-valur ta' tlett elef, erba' mija u tmenin ewro (€3,480).

Illi ghalhekk minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta mix-xhieda ta’ Reuben Azzopardi u dan mhux kontestat li in effetti huwa minnu li r-rikorrenti kien gja hallas numru ta’ kambjali lill-intimati ghalkemm huwa minnu wkoll li l-intimati ma kinux ghadhom ircevewhom minghand dan Azzopardi. Illi pero’ r-rikorrenti ma jahtix ghal dan in-nuqqas da parti ta’ Reuben Azzopardi ghaliex l-intimati kienu jafu li dan Azzopardi kien qed jircievi hlas minghand ir-rikorrenti. B’hekk it-talba tar-rikorrenti hija gustifikata u l-intimati m’ghandhomx jesegwixxu l-kambjali gja mhallsa mir-rikorrenti.

**Konsegwentment din il-Qorti filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimati, qieghda tilqa’ t-talba rikorrenti sabiex ma jkunx hemm ezekuzzjoni tal-kambjali kollha esebiti mal-ittra ufficjali u cioe’ numru 2770/12 u konsegwentement qieghda tawtorizza l-ezekuzzjoni tal-kambjali minn numru wiehed u ghoxrin ‘il quddiem kif indikati fid-dokument ezebit a fol 4 tal-atti.**

**L-ispejjez ta’ din il-procedura jithallsu <u>kollha</u> mill-intimati.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------